MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 44/2004

**B.A.S. Limited**

**vs**

**Raymond Grech ezercenti l-kummerc bl-isem “Homestyle”**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta’ attrici bhala agent ta’ l-ivvjaggar lil konvenut fuq ordnijiet tieghu stess skond il-prospett tas-socjeta’ attrici hawn anness bhala Dok. “A”.

Bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata Ottubru 2003 kontra l-konvenut, li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta:

“Jeccepixxi bil-qima:-

1) Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

2) Illi fil-mertu t-talbiet attrici qed jigu kkontestati bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li l-eccipjenti hassar il-booking maghmul mas-socjeta’ attrici minn qabel ma kellhom jigu utilizzati l-biljetti ta’ l-ajru in kwistjoni, u dan ghal raguni valida.

3) Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju is-socjeta’ attrici ghandha tiggustifika l-ammont pretiz.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Ikkunsidra:

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kif anke gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc in re: *Carmelo sive Charles Degiorgio noe vs George Farrugia (Onor J A Herrera, 25.01.1982)* l-azzjoni ghall-hlas ta’ biljetti tal-ivvjaggar taqa’ taht il-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur tal-artiklu 2156(f) tal-istess kodici u mhux taht dik tat-tmintax-il xahar taht l-artiklu 2148(b) tal-imsemmi kodici imsemmi fl-eccezzjoni msemmija.

Dwar il-mertu, jirrizulta ppruvat l-ammont ta’ LM240 dovut bhala cancellation fees ta’ booking li sar mill-konvenut. Il-biza’ li wiehed isiefer certament ma jintitolahx li jikkancella biljett tal-ivvjaggar bla ma jhallas it-tariffa konsegwenzjali tal-kancellazzjoni. Ta’ min jghid ukoll li s-socjeta’ attrici imminimizzat il-prezz tal-kancellazzjoni kemm setghet, a beneficcju tal-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut u jilqa’ t-talba

attrici, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjaliipprezentata f'Ottubru 2003 a kariku tal-konvenut, bl-imghax legali mill-24 ta' Settembru 2001 sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------